MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Numru 1045/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**ABIGAIL MALLIA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Abigail Mallia ta’ 21 sena, bint Charles u Doris nee’ Schembri, imwielda Pieta’ fil-11 t’Ottubru 1984, residenti fi ‘Tony’s Flats’, Flat Numru 6, Rabat Road, Xlendi, Ghawdex. Detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 492684M giet akkuzata:

Talli fi 3 ta’ Jannar 2005, f’Malta, ikkuntrattat zwieg ma Esaam Salem. A. Darei, meta kienet taf illi l-iskop uniku ta’ dik il-persuna, u cioe’ Esaam Salem. A. Darei ta’ nazzjonalita’ Libjana, fl-ikkuntrattjar taz-zwieg kien wiehed, jew izjed mis-segwenti skopijiet, u cioe’ li jikseb cittadinanza Maltija, jew liberta’ ta’ moviment f’Malta, jew permess biex jahdem jew jirresjedi f’Malta, jew id-dritt li jidhol Malta, jew id-dritt li jikseb kura medika f’Malta. Dan bi ksur tal-artikolu 38 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MC3 u nnutat li l-imputata m’ghandhix oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum, l-imputata, fl-ezami taghha, wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputata kkoperat bis-shih mal-Pulizija u li hi konsapevoli li kienet l-istess imputata li ghamlet ir-rapport lill-Pulizija dwar dan il-kaz.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikolu 38 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Abigail Mallia, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, l-eta’ tenera tal-imputata, il-fedina penali netta tal-imputata, u il-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija u li hi konsapevoli li kienet l-istess

imputata li ghamlet ir-rapport lill-Pulizija dwar dan il-kaz, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Abigail Mallia ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputata Abigail Mallia tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Abigail Mallia l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------